

Brussell, 25 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15913/25

AGRILEG 185
PESTICIDE 27

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	24 ta' Novembru 2025
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D109998/02
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'XXX li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal <i>Allium fistulosum</i> , ipproċessat; liżat ta' <i>Willaertia magna</i> ; idrossidu tal-manjeżju E528; pellets imnixxfen ta' <i>Onobrychis viciifolia</i> (sainfoin) u estratt taż-żerriegħa ta' <i>Vitis vinifera</i> L. (estratt taż-żerriegħa tal-għeneb) f'ċerti prodotti jew fuqhom

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D109998/02.

Mehmuż: D109998/02



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
PLAN/2025/2122
(POOL/E4/2025/2122/2122-EN.docx)
D109998/02
[...] (2025) **XXX** draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal *Allium fistulosum*, ipproċessat; liżat ta' *Willaertia magna*; idrossidu tal-manjeżju E528; pellets imnixxfin ta' *Onobrychis viciifolia* (sainfoin) u estratt taż-żerriegħa ta' *Vitis vinifera* L. (estratt taż-żerriegħa tal-għeneb) f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal *Allium fistulosum*, ipproċessat; liżat ta' *Willaertia magna*; idrossidu tal-manjeżju E528; pellets immnixfin ta' *Onobrychis viciifolia* (sainfoin) u estratt taż-żerriegħa ta' *Vitis vinifera* L. (estratt taż-żerriegħa tal-għeneb) f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u animali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Għas-sustanzi attivi *Allium fistulosum*, ipproċessat; liżat ta' *Willaertia magna*; idrossidu tal-manjeżju E528; pellets immnixfin ta' *Onobrychis viciifolia* (sainfoin) u estratt taż-żerriegħa ta' *Vitis vinifera* L. (estratt taż-żerriegħa tal-għeneb), ma ġewx stabbiliti livelli massimi ta' residwi ("MRLs"). Għaldaqstant għal dawk is-sustanzi attivi japplika l-valur prestabbilit ta' 0,01 mg/kg stipulat fl-Artikolu 18(1), il-punt (b), tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (2) Fil-11 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni approvat l-*Allium fistulosum*, ipproċessat, bħala sustanza bażika² f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009³. Il-kundizzjonijiet tal-użu ta' din is-sustanza mhumiex mistennija li jwasslu għall-preżenza ta' residwi fil-prodotti tal-ikel jew tal-għalf li jistgħu jkunu ta' riskju għall-konsumaturi, u għalhekk, mhumiex meħtieġa MRLs. Għalhekk jixraq li din is-sustanza tiġi inkluża fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (3) Fis-17 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni approvat il-liżat ta' *Willaertia magna* bħala sustanza attiva b'riskju baxx f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009⁴. L-

¹ ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj>.

² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2878 tat-8 ta' Novembru 2024 li japprova s-sustanza bażika *Allium fistulosum*, ipproċessata f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L, 2024/2878, 11.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2878/oj).

³ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj>).

⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1177 tas-16 ta' Ġunju 2025 li japprova s-sustanza attiva liżat tal-*Willaertia magna* bħala sustanza attiva b'riskju baxx f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta'

Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (“l-Awtorità”) ikkonkludiet li l-valuri ta’ referenza tossikoloġiċi ma kinux meħtieġa għal din is-sustanza peress li ma turi l-ebda karatteristika perikoluża⁵. Għalhekk jixraq li din is-sustanza tiġi inkluża fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

- (4) Fit-13 ta’ Marzu 2024, il-Kummissjoni approvat l-idrossidu tal-manjeżju E528 bħala sustanza bażika f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009⁶. Il-kundizzjonijiet tal-użu ta’ din is-sustanza mhumiex mistennija li jwasslu għall-preżenza ta’ residwi fil-prodotti tal-ikel jew tal-għalf li jistgħu jkunu ta’ riskju għall-konsumaturi, u għalhekk, mhumiex meħtieġa MRLs. Għalhekk jixraq li din is-sustanza tiġi inkluża fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (5) Fis-27 ta’ Ġunju 2024, il-Kummissjoni approvat il-pellets imnixxfin ta’ *Onobrychis vicifolia* (sainfoin) bħala sustanza bażika f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009⁷. Il-kundizzjonijiet tal-użu ta’ din is-sustanza mhumiex mistennija li jwasslu għall-preżenza ta’ residwi fil-prodotti tal-ikel jew tal-għalf li jistgħu jkunu ta’ riskju għall-konsumaturi, u għalhekk, mhumiex meħtieġa MRLs. Għalhekk jixraq li din is-sustanza tiġi inkluża fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (6) Fit-22 ta’ Jannar 2025, il-Kummissjoni approvat l-estratt taż-żerriegħa ta’ *Vitis vinifera* L. (estratt taż-żerriegħa tal-għeneb) bħala sustanza bażika f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009⁸. Il-kundizzjonijiet tal-użu ta’ din is-sustanza mhumiex mistennija li jwasslu għall-preżenza ta’ residwi fil-prodotti tal-ikel jew tal-għalf li jistgħu jkunu ta’ riskju għall-konsumaturi, u għalhekk, mhumiex meħtieġa MRLs. Għalhekk jixraq li din is-sustanza tiġi inkluża fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (7) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat kif xieraq.
- (8) Il-miżuri previsti f’dan ir-Regolament huma f’konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, jiddaħħlu l-entrati li ġejjin f’ordni alfabetika: *Allium fistulosum*, ipproċessat; Liżat ta’ *Willaertia magna*; Idrossidu tal-manjeżju

Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L, 2025/1177, 17.6.2025, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1177/oj).

⁵ Peer review of the pesticide risk assessment of the active substance lysate of *Willaertia magna* C2c Maky. EFSA Journal 2025;23(1): e9194. <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2025.9194>.

⁶ Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/836 tat-12 ta’ Marzu 2024 li japprova s-sustanza bażika idrossidu tal-manjeżju E528 f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L, 2024/836, 13.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/836/oj).

⁷ Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1768 tas-26 ta’ Ġunju 2024 li japprova s-sustanza bażika pellets imnixxfi ta’ *Onobrychis vicifolia* (sainfoin) f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L, 2024/1768, 27.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1768/oj).

⁸ Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/96 tal-21 ta’ Jannar 2025 li japprova s-sustanza bażika l-estratt taż-żerriegħa tal-*Vitis vinifera* L. (estratt taż-żerriegħa tal-għeneb) f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L, 2025/96, 22.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/96/oj).

E528; Pellets innixxa ta' *Onobrychis viciifolia* (sainfoin); Estratt taż-żerriegħa ta' *Vitis vinifera* L. (estratt taż-żerriegħa tal-għeneb).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha. Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN